Co-funded by
the European Union

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA: 13 ta' Jannar 2017**

# BeSmartOnline! ikompli jiġġieled kontra r-riskji li jġib miegħu l-Internet

> Fondi allokati għar-raba' fażi tal-proġett BeSmartOnline!. Numru ta' inizjattivi pjanati għat-tletin xahar li ġejjin.

Ir-raba' fażi tal-proġett BeSmartOnline! ġiet imnieda dalgħodu waqt konferenza stampa, wara li ġiet approvata l-applikazzjoni għall-fondi tal-Ewropa taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Dan il-pass kien importanti sabiex jitkompla x-xogħol tal-konsorzju bħala s-'Safer Internet Centre' f'Malta.

L-inizjattiva BeSmartOnline! kienet ix-xempju nazzjonali li ħadmet sabiex tippromwovi użu iktar sigur tal-Internet matul dawn l-aħħar sitt snin. Dawn il-fondi ser jiżguraw li l-missjoni ta' dan il-proġett tkompli tiġi mwettqa tul it-tletin xahar li ġejjin. Il-proġett huwa kkoordinat mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA), u qed jiġi implimentat bis-saħħa ta' konsorzju magħmul mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, u d-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni (DQSE).

L-għan primarju tal-konsorzju huwa li jħarsu s-sigurtà tat-tfal waqt li jkunu fuq l-Internet, sabiex it-tfal dejjem ikollhom esperjenza pożittiva meta jkunu onlajn. Il-konsorzju jittama wkoll li din l-inizjattiva tgħin lit-tfal jirrikonoxxu l-benefiċċji u l-opportunitajiet vasti li jġib miegħu l-Internet. Dan ser jiġi implimentat permezz ta' numru ta' inizjattivi li jippromwovu l-għarfien u l-edukazzjoni, immirati kemm lejn it-tfal kif ukoll lejn dawk ta' madwarhom, partikolarment il-ġenituri, il-*carers*, u l-edukaturi. F'dan il-każ, huwa essenzjali li l-objettivi ta' dan il-proġett jiġu mgħallma lill-istudenti tal-iskola obbligatorja fis-suġġett tal-*Personal, Social and Career Development* (PSCD), li jiffoka fuq iċ-ċittadinanza diġitali.

Dalgħodu din l-inizjattiva laqqgħet *stakeholders* u professjonisti differenti, li huma involuti direttament fil-ħarsien tat-tfal. Rappreżentant mill-MCA ta ħarsa ġenerali tal-kisbiet ewlenin tal-proġett BeSmartOnline! s'issa, filwaqt li rappreżentanti minn kull fakultà tal-konsorzju aġġornaw lill-udjenza fuq is-sehem li kellhom l-entitajiet rispettivi tagħhom sabiex ġie mniedi dan il-proġett.

Permezz tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, l-Appoġġ qiegħda toffri s-servizzi tal-*Helpline*, li huma pprovduti wkoll permezz tas-*Supportline* nazzjonali 179. Permezz ta' dan, il-pubbliku ġenerali, b'mod speċjali t-tfal, il-*carers*, u l-edukaturi, ikunu jistgħu jfittxu l-għajnuna f'każ li jaqgħu vittmi ta' xi abbuż jew jekk jiltaqgħu ma' każijiet li jistgħu jesponuhom għal xi riskji onlajn. Il-fatt li l-Appoġġ irċeviet iktar minn 270 telefonata matul is-sena 2016, fejn il-maġġoranza tal-każijiet kienu jikkonċernaw *cyberbullying* u/jew *sexting*, juri biċ-ċar li dan il-*Helpline* għamel impatt kbir. Għalhekk, nistgħu ngħidu li tul dawn l-aħħar snin il-perċentwali tat-telefonati li

Co-funded by
the European Union

rċiviet l-Appoġġ rigward is-sigurtà tal-Internet ogħla. Dan jindika li l-poplu jaf bis-servizzi li qed toffri l-*Helpline* u li aktar ma jmur, l-individwi qed isiru iktar sensittivi fejn jidħlu kwistjonijiet relatati mal-Internet.

L-Aġenzija Appoġġ tamministra wkoll *Hotline* onlajn fuq www.childwebalert.gov.mt, fejn wieħed jista' jirrapporta websajts li jkun fihom stampi jew filmati bbażati fuq *child sexual abuse material* (CSAM). Fl-2016 ġew analizzati madwar 32 paġna, li fihom kien hemm iktar minn 3200 stampa ta' abbuż sesswali tat-tfal, fil-pjattaforma tal-iCCAM. Permezz ta' din il-pjattaforma, il-*Hotline* Malti jkun jista' javża l-kollegi internazzjonali tiegħu dwar is-CSAM li jkun hemm fuq is-servers ta' dawn il-pajjiżi barranin. Mis-sena l-oħra 'l hawn il-*Hotline* beda jikkontribwixxi wkoll għad-*database* tal-istampi tal-ICSE (*International Child Sexual Exploitation*), li hi mmexxija mill-Interpol. Din tgħin sabiex jiġi identifikat l-abbuż tat-tfal f'dawn l-istampi. Sal-aħħar ta' Jannar ta' din is-sena, id-*database* tal-ICSE ser tkun identifikat iktar minn 10,000 vittma madwar id-dinja. Tajjeb li wieħed isemmi li dan il-*Hotline* nazzjonali huwa membru tal-INHOPE, assozzazzjoni internazzjonali tal-*Hotlines*.

L-għan tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal huwa li jiżgura li t-tfal u ż-żgħażagħ jipparteċipaw fl-attivitajiet li jorganizza l-proġett BeSmartOnline!, u jaħdem sabiex jiġu artikolati l-opinjonijiet tal-minorenni f'diskussjonijiet nazzjonali fuq dan is-suġġett. L-Uffiċċju ħadem bis-sħiħ sabiex jgħarraf lin-nies dwar is-sigurtà fuq l-Internet u ħadem sabiex jiġu żviluppati riżorsi li jikkonċernaw dan is-suġġett.

Uħud mir-riżorsi li ġew żviluppati tul din is-sena ġew preżentati waqt din it-tnedija, inkluż il-logħba diġitali li tippromwovi l-abilità li tfal u żgħażagħ ikunu kapaċi jgħarrfu kontenut affidabli minn dak li mhuwiex, fejn ġiet installata fuq it-*tablets* li tqassmu fl-iskejjel primarji. Is-sezzjoni tal-PSCD fi ħdan id-dipartiment tal-Kurrikulu introduċiet anke xi kotba għall-istudenti tat-tielet, ir-raba' u l-ħames sena. L-għan ta' dawn il-kotba hu li jippromwovu l-ħiliet li ġġib magħha ċ-ċittadinanza diġitali. L-istudenti ser jibdew jużaw dawn il-kotba waqt il-lezzjonijiet tal-PSCD. Kien hemm ukoll numru ta' filmati li saru b'kollaborazjoni mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika. L-iskop ta' dawn il-filmati huwa li jinstigaw u jippromwovu dejjem iktar diskussjonijiet u l-parteċipazzjoni mal-ġenituri waqt is-sessjonijiet ta' informazzjoni li jsirulhom. Dan il-proġett ġab miegħu xi riżorsi oħra wkoll, li wieħed isib fuq www.besmartonline.org.mt.

Waqt din it-tnedija, l-Onor. Dott. Manwel Mallia saħaq kemm hu importanti li jkun hemm bilanċ bejn li wieħed jinvesti f'ambjent ekonomiku li jappoġġja l-iżvilupp ta' teknoloġiji u servizzi innovattivi u min-naħa l-oħra, li jitnisslu l-ħiliet neċessarji fost il-minorenni, il-ġenituri, u l-*carers*, sabiex jiġi żgurat li dawn l-individwi jkollhom esperjenza diġitali pożittiva, mingħajr ma tinbet xi tip ta' biża mill-innovazzjoni teknoloġika. 'L-għan tagħna huwa li niżguraw li kulħadd igawdi l-benefiċċji li ġġib magħha t-teknoloġija. Minkejja li hemm bosta benefiċċji, sfortunatament ir-realtà hija li dawn iġibu magħhom ħafna riskji. Għalhekk, aħna nkomplu nindirizzaw din il-problema billi nkomplu naħdmu bla waqfien kontra dan il-periklu. L-għan ta' dan il-proġett, flimkien ma' inizjattivi oħra, bħalma huma l-*Malta Security Strategy*, li ser tiġi mnieda fil-ġimgħat li ġejjin, huwa li joħolqu ambjent sigur għall-dawk li jużaw l-Internet. Inħossni verament kburi meta nara l-entitajiet jaħdmu flimkien sabiex jilħqu l-miri tagħhom b'suċċess,' qal il-Ministru.

Co-funded by
the European Union

L-Onor. Sur Evarist Bartolo kompla jfaħħar l-inizjattivi li qedgħin jiġu mnieda u saħaq li dawn jikkumplimentaw il-programm tal-litteriżmu diġitali. 'Is-sinerġiji li nħolqu bejn l-imsieħba tal-proġett BeSmartOnline! u d-dipartimenti tal-edukazzjoni, li magħhom kienu diġà ħadmu matul is-snin, turi kemm wieħed jista' jikseb riżultati verament pożittivi meta kulħadd jiġbed l-istess ħabel. Minkejja li l-istudenti tagħna għadhom jibdew jiskopru d-dinja diġitali, dawn għandhom jifhmu u japprezzaw kif wieħed għandu jġib ruħu onlajn. Mhijiex biss kwistjoni ta' għarfien teknoloġiku, imma hija waħda ta' mġiba. Bħalma ngħallmuhom kif iġibu ruħhom man-nies għandna ngħarrfuhom fuq l-imġiba adatta għal meta wieħed jissieħeb onlajn; u huwa filfatt dan li beda jagħmel il-proġett BeSmartOnline! u l-inizjattivi l-oħra li saru matul is-snin. Flimkien, dawn il-proġetti kkumplimentaw il-programm tal-litteriżmu diġitali.'

Fid-diskors tiegħu, L-Onor. Sur Michael Farrugia sostna kemm huwa importanti l-appoġġ għal proġetti bħal dawn, u saħaq kemm huma indispensabbli is-servizzi li joffru l-*Helpline* 179 u l *Hotline*. 'L-edukazzjoni u t-tagħrif fil-qasam tat-teknoloġija huma vitali u għalhekk, tajjeb li bħalma qed jagħmel il-proġett BeSmartOnline! jiġu meqjusa bir-reqqa. Huwa importanti li jkollna sistema li toffri għajnuna lil dawn il-vittmi u lill-familjari tagħhom, u għalhekk, ninsab kburi li l-FSWS ħadet sehem b'mod dirett fit-tnedija ta' dan il-proġett. Nemmen fis-sod li l-kollaborazzjoni bejn il-professjonisti, u l-ħiliet teknoloġiċi differenti komplew issaħħu dan il-proġett. Permezz ta' din il-ħidma, qedgħin noffru servizz iktar globali; kemm għall-minorenni kif ukoll għall-bqija tal-komunità.

**Aktar Informazzjoni**

---

**Dwar Insafe u INHOPE**

Taħt il-qafas tal-programm Internet Sigur fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, Insafe and INHOPE qedgħin jaħdmu flimkien sabiex jippromwovu ambitù diġitali iktar sigur għat-tfal meta jkunu qed jużaw l-Internet. Dawn jippromwovu użu iktar responsabbli kemm tal-Internet kif ukoll tal-mowbajl fost it-tfal, il-minorenni, u l-familjari tagħhom, u jaħdmu sabiex jidentifikaw u jeliminaw kontenut illegali onlajn.

Jekk tixtieq tkun taf iktar dwar dan il-programm żur www.saferinternet.eu , fejn għandek issib aċċess għas-servizzi li joffru ċ-ċentri tal-Internet Sigur imqassma skont il-pajjiżi differenti, flimkien ma' aħbarijiet u attivitajiet fi ħdan dawn iċ-ċentri. Għandek issib ukoll lista ta' mistoqsijiet li jsiru ta' spiss (FAQs) li jindirizzaw is-sigurtà tal-użu tal-Internet.

Tista' wkoll iżżur il-websajt ta' Insafe jew INHOPE fuq: www.betterinternetforkids.euu www.inhope.org.